MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 371/2002/1

**A B sive C D personalment,**
**kif ukoll bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri E u F,**
**ahwa D**
**vs**
**G D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu fil-11 Frar 1989, meta dawn diga kellhom zewgt itfal komuni, E u F, li twieldu qabel iz-zwieg; li l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi, swat u adulterju kommessi mill-konvenut fil-konfront taghha, kif ukoll z-zwieg tkisser irrimedjabbilment; li l-konvenut anke ddefroda lill-istess attrici meta dana, permezz ta' kuntratt pubblikat minn Nutar Dottor Francis Micallef izda li sar minghajr l-awtorizzazzjoni ta' l-allura

Sekond Awla tal-Qorti Civili, ittrasferixxa sehemu mill-post li l-partijiet kienu xtraw gewwa Ghawdex sabiex hija tiffirmalu biex jiehu self mill-bank; li l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni mill-imsemmija Qorti sabiex tipprocedi bil-kawza odjerna; ghaldaqstant qed titlob li din il-Qorti: [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet htija tal-konvenut; [2] [3] li tafda lill-attrici l-kura u kustodja tat-tfal minuri tal-partijiet u tistabbilixxi modalita' ta' access favur il-missier; [4] li tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici retta alimentarja ghaliha, u ghaz-zewg uliedhom minuri; [5] li tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16, in toto jew in parte; [6] li tordna x-xoljment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni ta' l-assi tal-komunjoni, u tinnomina nutar sabiex jippubblika l-att opportun; u li l-attrici u z-zewg uliedhom jibqghu jghixu fid-dar matrimonjali sakemm l-ulied isiru maggjorenni; [7] li tordna li l-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni parafernali u dotali taghha; [8] li tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici sehemha tax-xoghol li hija ghamlet fil-hanut tax-xaghar fejn ilha tahdem minn Settembru 1999 minghajr kumpens; [9] lli tordna li l-konvenut jassenja sehemu mill-fond numru 6 Maybel flats, Qolla Street, Marsalforn, Ghawdex kif kien obbliga li jaghmel fil-kuntratt fuq indikat tas-17 ta' Frar 1999, stante li l-assenjazzjoni li saret hija wahda fittizja ghax ma saritx skond il-ligi; bl-ispejjez kontra l-istess konvenut;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha, in sustanza, eccepixxa: [1] li kunjomu huwa “Zachhau” u mhux “D” u ghalhekk ghandha ssir korrezzjoni fl-okkju tal-kawza; [2] li, filwaqt li jaqbel li z-zwieg tkisser b' mod irrimedjabbli, dan huwa tort esklussivament ta' l-attrici li rrendiet ruhha hatja ta' sevizzi gravi, swat, ingurji u mohqrija, u dan apparti l-inkompattibilita' ta' karattru; [3] li mhux necessarju li l-access tieghu ghat-tfal jigi kondizzjonat; [4] li hu mhux obbligat ihallas manteniment lill-attrici li dejjem hadmet matul hajjitha kollha, u li waqfet tahdem malli bdew il-proceduri odjerni; [5] li ma jezistux cirkostanzi li jiggustifikaw il-hames talba attrici; [6] li, filwaqt li jaqbel max-xoljiment, likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, jopponi ghat-talba attrici li hi u uliedhom minuri jkollhom dritt esklussiv

ta' abitazzjoni fid-dar konjugali sakem it-tfal isiru maggjorenni; [7] li l-qligh tan-negozju gestit minnhom dejjem gie applikat ghall-ispejjes tal-komunjoni, u ghalhekk diga' gie diviz ugwalment; [8] li l-fond ta' Ghawdex ghandu jitqies bhala assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Il-kuntratt indikat mill-attrici, sar peress li l-attrici kienet irrakattat lill-konvenut li kien kostrett li jaccetta t-trasferiment ta' sehemu sabiex jottjeni finanzjament bankarju ghan-negozju taghhom; [9] li jichad l-allegazzjoni ta' adulterju, maghmula minn martu fil-konfront tieghu;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat in-nota prezentata mill-partijiet li biha ddikjaraw li huma jaqblu li l-provi mismugha fil-kawza numru 381/02NC fl-ismijiet inversi u li tittratta l-istess meritu, jigu meqjusa bhala provi mismugha u migbura fil-kawza odjerna;

Rat ir-relazzjonijiet tal-perit tekniku l-AIC Mario Cassar, minnu debitament mahlufa;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Noel Bartolo, minnu debitament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-diversi noti ta' sottomissjonijiet studjati prezentati mill-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment, ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta unikament imputabbli lill-konvenut; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jiddikjara l-qbil tieghu mat-talba ghas-separazzjoni personali, jichad dak attribwit lilu, u jsostni li l-htija tirrisjedi unikament fuq l-attrici fit-termini ta’ l-artikolu 40 fuq citat.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici, cittadina Maltija, iltaqghet mal-konvenut, cittadin Daniz, f’ Malta f’ nofs is-snin tmenin, u bdew relazzjoni bejniethom. L-attrici, li f’ dak iz-zmien kienet de facto separata minn mar-ragel taghha li minnu kellha tifel li kien ghadu minorenni, bdiet tikkoabita mal-konvenut. Dak iz-zmien l-attrici kienet tiggestixxi hairdresser salon.

Illi eventwalment, l-attrici bieghet il-proprjeta’ taghha f’ Malta, u l-partijiet emigraw lejn l-Ingilterra, fejn xtraw proprjeta’ u waqffu negozju ta’ hairdressing.

Minn din ir-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet, twieldu t-tfal E u F, fis-17 ta’ Marzu 1986 u fis-6 ta’ April 1988, rispettivament.

Fil-11 ta’ Frar 1989 il-partijiet izzewgu.

Sussegwentement huma bieghu l-proprjeta’ taghhom fl-Ingilterra, u regghu gew Malta, fejn xtraw proprjeta’ f’ Hal Balzan li kienet isservi bhala d-dar matrimonjali taghhom, u proprjeta’ ohra f’ Malsalforn. Huma krew hanut f’ Hal Balzan li fih kienu jiggestixxu hairdressing salon. Sa kemm inbdew il-proceduri tas-separazzjoni, go dan il-hanut kienu jahdmu z-zewg partijiet, u t-tnejn kellhom il-klijenti separati taghhom. Inoltre, l-attrici kellha xoghol part-time mal-Heritage Homes.

Illi, ghalkemm l-attrici kienet suspettuza hafna fil-konfront tal-konvenut, b’ mod li ta’ sikwit kienet takkuzah b’ infedelta’ stante li, fi kliemha, “inxommu minn seba’ mili ‘l boghod”[1], jidher li l-partijiet ma kellhomx problemi kbar, sas-sena 1998 meta l-konvenut ghamel hbieb ma’ certu Joseph Glenville li kien agent ta’ prodotti konnessi max-xoghol tal-partijiet, u kien ukoll jaghti xoghol lill-konvenut.

[1] Vol.4 – fol.1420

Kienu anke waqfu wirjiet tal-prodotti bil-partecipazzjoni ta' mudelli.

Illi skond l-attrici l-konvenut beda jqatta' hafna hin ma' dan Joseph Glenville, li kien sieheb tieghu fin-negozju tal-bejgh ta' prodotti tax-xaghar, a skapitu taghha u ta' uliedhom. Hija takkuza lil zewgha li kellu attakkament specjali ma' dan Glenville, tant li tghid li kellu relazzjoni mieghu. Dan gab hafna nkwiet u glied bejn il-partijiet, partikolarment meta l-attrici kienet qalet lit-tfal taghhom li missierhom kellu relazzjoni omossesswali ma' dan ir-ragel, u li kellhom jiddizinfettaw il-banju qabel ma' juzawh wara missierhom, stante li kellu l-marda ta' l-AIDS. Kienet anke kitbet lill-genituri tal-konvenut dwar din ir-relazzjoni allegata minnha. Minn naha tieghu l-konvenut cahad li kellu din it-tip ta' hbiberija ma' dan Glenville.

Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet hadet pass deciziv 'l isfel meta fi Frar 2001 il-konvenut dahal f' relazzjoni adultera ma' certu Nadia Chetcuti; u fl-4 ta' Dicembru 2001 l-attrici ottjeniet l-awtorizazzjoni mis-Sekond Awla sabiex tipprocedi bil-kawza odjerna.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

[1] Illi l-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet ta' l-abbli perit legali u l-konkluzjoni raggjunta minnu; u taqbel li, filwaqt li d-diversi akkuzi maghmula mill-attrici fil-konfront tal-konvenut ta' adulterju ma' diversi nisa, u anke ma' ragel, identifikati minnha b' isimhom ma gewx sostnuti minn provi sodisfacenti, izda r-relazzjoni li l-konvenut kellu ma' l-imsemmija Nadia Chetcuti kienet wahda adultera, u mhux ta' hbiberija platonika kif sostna l-konvenut. Il-fatt li dawn kienu jiltaqghu ta' spiss u regolarment, hafna drabi wahedhom, kienu siefru flimkien u marru joqghodu ghand familjari taghhom, ghamlu mghawriet flimkien f' Ghawdex fejn f' mghawra minnhom huma bbukkjaw u raqdu f' kamra wahda ghal tnejn; dawn ic-cirkostanzi jipprezentaw rutina ta' tnejn minn nies li huma f' relazzjoni ntima; u fil-fehema ta' din il-Qorti jikkostitwixxu provi precizi, gravi u univoci li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinciment li r-relazzjoni bejn dawn it-tnejn kienet wahda adulteruza.

Illi ghalhekk l-allegazzjoni ta’ adulterju da parti tal-konvenut, maghmula mill-attrici, tinsab sodisfacentement sostnuta mill-provi; u, fil-fehema tal-Qorti, dan kien il-fatt principali li wassal ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet.

[2] Illi rigward l-allegazzjonijiet l-ohra maghmula mill-attrici, fis-sens li zewgha kien aggressiv u vjolenti maghha sa minn qabel iz-zwieg, il-Qorti hi tal-fehema li dan ma giex sodisfacentement provat. Tosserva li mill-provi jirrizultaw zewg incidenti biss, li fihom l-attrici sofriet griehi ta’ natura hafifa: wiehed sehh fl-24 ta’ Settembru 2001, ftit jiem qabel ma l-attrici fethet il-proceduri ghas-separazzjoni, u li fih iz-zewg partijet soffrew griehi hfief[2]; u l-iehor sehh fil-5 ta’ Settembru 2002 matul il-proceduri tas-separazzjoni, u li fih l-attrici sofriet tbengila zghira f’ idejha x-xellugija[3].

Illi l-Qorti tosserva li dawn iz-zewg incidenti izolati ta’ vjolenza fizika, ma’ kienux il-kawza tas-separazzjoni, izda l-konsegwenza taghha.

[3] Illi rigward l-allegazzjoni attrici li l-konvenut kien xhih maghha, li kien ihalliha nieqsa mill-flus, u li l-bzonnijiet kollha tal-familja u tat-tfal waqghu fuqha, il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula in propozitu mill-abbli perit legali u taddottahhom. Tosserva li huwa ferm inverosimili li, l-attrici li kienet sa minn qabel ma ltaqet mal-konvenut tahdem, billi tiggestixxi hairdressing salon, u li dejjem hadmet, kemm f’ Malta kif ukoll fl-Ingilterra, u baqghet tahdem fl-istess generu ta’ kummerc anke meta kellha t-tfal zghar, u wkoll kienet taghmel part-time sabiex ikollha aktar flus ghall-kapricci taghha, huwa nverosimili li dina matul il-konvivenza kienet nieqsa mill-flus, jew li l-konvenut ma kienx jghaddilha sehemha mill-flus. Il-fatt li hi baqghet tiggestixxi n-negozju tul il-konvivenza kollha, u l-akkwist tal-proprjetajiet li l-partijet bil-hidma taghhom it-tnejn kienu xtraw, kemm fl-Ingilterra kif ukoll f’ Malta, u affarijiet ohra, inkluzi erba’ safriet bit-

[2] Vol.3 – fols.600 u 606
[3] Vol.3 – fol.611

tfal lejn l-Amerika, li l-partijiet ghamlu matul il-konvivenza, huma, fil kliem il-perit legali "indikattivi ta' attivita' familjari normali, anzi tixhed li ghal hafna zmien il-koppja kienu ghamlu progress." In konkluzjoni l-Qorti tosserva li din l-allegazzjoni da parti ta' l-attrici mhux talli mhijiex sostnuta mill-provi, izda ghal kuntrarju hija kontraddetta mill-provi, inkluzi dak li rrizultanti mix-xhieda ta' l-istess attrici.

[4] Illi minn naha taghha l-attrici kkontribwiet ghas-separazzjoni meta, matul il-konvivenza matrimonjali hija kienet takkuza lill-konvenut b' relazzjoni omossesswali, u kienet tivvessah biha billi tinstiga lil uliedhom minuri kontra l-konvenut, missierhom, tghajru li ghandu l-marda ta' l-AIDS, u anke, tikteb[4] lill-genituri tieghu dwar din l-allegazzjoni taghha. Kif korrettament osserva l-perit legali, din il-vessazzjoni, abitwali u ripetuta, kienet istigata bi spirtu vendikattiv, u kienet tali li twegga' b' mod gravi lill-konvenut. Dan il-komportament abuziv da parti ta' l-attrici, bazat fuq allegazzjonijiet mhux provati, jikkosistwixxu ngura gravi, stante li jhammeg u jwegga' serjament lill-konvenut, u jikkostitwixxi wkoll sevizzi, stante li ripetut, jirrendi difficli l-konvivenza matrimonjali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti, filwaqt li taddotta l-konsiderazzjonijiet tal-perit legali dwar dan il-kap, hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, principalment minhabba r-relazzjoni adulteruza da parti tal-konvenut, u sekondarjament minhabba sevizzi u ngurja gravi da parti ta' l-attrici fil-konfront tieghu.

**Kura u Kustodja**

Illi llum il-gurnata t-tfal tal-partijiet huma maggjorenni, u ghalhekk dan il-kap, kif ukoll dak relattiv ghall-manteniment tat-tfal, illum huwa sorvolat.

**Manteniment**

Illi anke f' dan ir-rigward il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet, u l-konkluzjoni tal-perit legali. Tosserva li s-Sekond Awla tal-Qorti Civili kienet akkordat lill-attrici manteniment provvizorju fl-ammont ta' LM30 fil-

[4] Vol.3 – fols.548 *et seq.*

gimgha ghal perijodu limitat ta' sitt xhur, u dana, stante li sakemm inbdew il-proceduri l-attrici kienet ghadha tahdem.

Illi mill-provi jirrizulta li, sa min qabel ma' ltaqghet mal-konvenut, l-attrici kienet tahdem bhala hairdresser, baqghet tahdem tul ir-relazzjoni pre-nuzzjali li kellha mal-konvenut, anke fl-Ingilterra meta t-tfal tal-partijiet kienu ghadhom zaghar, u kompliet tahdem wara z-zwieg anke meta giet lura Malta. Hija kienet tiggestixxi n-negozju flimkien ma' zewgha, u tnejn kellhom klijentela separata.

Izda hekk kif bdew il-proceduri odjerni, hija waqfet hesrem mix-xoghol, u talbet manteniment minghand zewgha l-konvenut, u wkoll bdiet tiehu l-assistenza socjali. Inizjalment hija tat bhala raguni, l-allegazzjoni li kienet qeda tigi 'harassed' minn zewgha fil-hanut u li dan kien jiksirha quddiem in-nies. Hija rribadiet din ir-raguni fid-depozizzjoni taghha tat-30 ta' Mejju 2003[5] fejn tghid: "I stopped [working] a year ago because he was harrassing me all the time in front of my clients"; izda fid-depozizzjoni sussegwenti tat-3 ta' Gunju 2003, hija, ghad-domanda ghaliex kienet waqfet tahdem meta kienet hadmet daqshekk tul hajjitha, hija tirrispondi: "Because I had to look after my children…… Now I have to stay home more because my eldest has finished school and he is home most of the time. He is 17 years old. I have to clean and wash for him all the time, and my daughter is 15 [years old]."[6]

In propozitu l-Qorti tosserva li l-provi juru li l-attrici ghandha s-sengha ta' hairdresser, u kapaci tiggestixxi negozju kif dejjem ghamlet tul hajjitha; u l-Qorti hi tal-fehema li meta l-attrici ddecidiet li tieqaf mix-xoghol, u baqghet ma tahdimx tul il-proceduri odjern, hija agixxiet b' mod kappriccjuz u volontarju, bir-rizultat li spiccat tghix fuq l-assistenza socjali – bhallikieku l-assistenza socjali qeda hemm biex tghin lil minn kappricjozament u minghajr raguni valida jaghzel minn rajh li jieqaf jahdem.

---

[5] Vol.4 – fol.1422
[6] Vol.4 - 1426

In vista tal-premess il-Qorti hija tal-fehema li l-attrici mhijiex intitolata ghal ebda manteniment minghand zewgha, stante li [1] hi ghad ghandha l-potenzjal u l-kapacita' li tahdem; [2] li ma gietx provata raguni medika jew impellanti li timpediha milli tkompli tahdem; [3] li anke hi ghandha parti mit-tort ghas-separazzjoni personali.

In fine jigi osservat li l-fattur ta' l-eta' ma jimpedix lill-attrici milli tezercita s-sengha taghha, anke bil-home visits; wara kollox il-hajja lavorattiva ta' persuna li taghmel dan it-tip ta' xoghol, tissupera l-eta' ta' sittin [60] sena.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi l-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha s-segwenti assi:

[1] Id-dar matrimonjali, il-fond numru 5 'Langley' Triq il-Habbata, Naxxar, li fis-sena 2003 gie stmat mill-perit tekniku fl-ammont ta' LM70,000[7], illum €163,100.;

[2] L-appartament f' Ghawdex, numru 6 'Mayben' Qolla Street, Marsalforn, li fis-sena 2005 gie stmat mill-imsemmi perit fl-ammont ta' LM30,000, illum €69,900;

[3] L-inkwilinat tal-hanut numru 40 Main Street, Balzan li l-valur lokatizju tieghu gie stmat mill-imsemmi perit fl-ammont ta' LM2,190 fis-sena, illum €5,102.70c;

[4] Kontijiet Bankarji f' isem il-partijiet;

[5] Zewg vetturi: wahda Hyundai Accent u l-ohra Volkswagen Polo;

[5] Health Insurance u life policies intestati f' isem il-partijiet;

[6] L-ghamara u l-effetti mobbli li jinsabu fil-fond matrimonjali.

Illi rigward l-appartament ta' Ghawdex il-Qorti taqbel mal-perit legali li, nonostante l-kuntratt ta' donazzjoni pubblikat fis-17 ta' Frar 1999[8], dan il-fond ghandu xorta wahda jitqies bhala parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, stante li l-imsemmi att ma kienx gie debitament awtorizzat mis-Sekond Awla skond il-ligi u, ghalhekk m'ghandux effetti legali[9].

[7] Vol. 1 fol. 138 *et seq.*
[8] Vol.3 – fols.561 *et seq.*
[9] Art.1810 – Kap.16

Illi l-Qorti taddotta l-qasma ta’ l-imsemmija propjeta’ kif maghmula mill-perit legali u li tinsab fil-pagna numri 26 sal-pagna numru 28 tar-relazzjoni tieghu, u li kopja taghhom qeda tigi anness mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti mill-istess [Appendici A][10]; u tordna li l-assenjazzjoni ta’ dawn l-assi ssir kif stabbilit u ndikat f’ dawn il-pagni, biz-zieda li l-fond Langley Triq il-Habbata Naxxar ma jinbighx bil-prezz inferjuri gha-somma ta’ €163,100; u l-appartament numryu 6 Mayben Qolla Street, Marsalforn ma jinbighx bil-prezz inferjuri gha-somma ta’ €69,900; inoltre, jekk dawn il-fond ma jinbieghux fuq is-suq hieles fi zmien sena, huma ghandhom jinbighu bis-subbasta – sakemm il-partijiet ma jifthemux mod iehor bil-miktub.

*Proprjeta’ Parafernali*

Illi anke f’ dan ir-rigward il-Qorti taddotta fl-intier taghhom il-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet ragguni mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu fil-pagni 23 u 24[11]; u tikkonferma li l-attrici ghandha kreditu parafernali ta’ €10,482 [LM4,500] fil-konfront tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, filwaqt li l-konvenut ghandu kreditu parafernali fl-ammont ekwivalenti fi flus maltin ta’ 20,000 GBP.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

Fl-ewwel lok, tenut kont ta’ dak sollevat mill-konvenut fl-ewwel paragrafu tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu, tordna li l-kunjom ‘D’ jigi sostitwit bil-kunjom ‘Zachhau[12]’, fl-okkju tal-kawza, u kull fejn jirrikorri.

[1] tilqa’ l-ewwel talba, fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, primarjament tort tal-konvenut, sekondarjament tort ta’ l-attrici;

[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba, stante li t-tfal illum huma maggjorenni;

[3] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba, ghall-istess raguni fuq indikata;

[10] Vol.4 – fol.1379 sa 1381
[11] Vol.4 – fols.1376 u 1377
[12] Vol.1 fol.6 – l-att tar-registrazzjoni taz-zwieg tal-partijiet

[4] tichad ir-raba talba, kemm ghar-ragunijiet fuq indikati, kif ukoll ghax l-ulied illum huma maggjorenni;
[5] tilqa' il-hames talba, u tapplika fl-intier tieghu l-artikolu 48[1] tal-Kap.16 fil-konfront tal-konvenut;
[6] tilqa' is-sitt talba limitatament billi, tordna x-xojliment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u li din tigi likwidata u assenjata kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti'.
[7] tilqa' s-seba' talba, kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni 'Komunjoni ta' l-Akkwisti'.
[8] tichad it-tmien talba, stante li ma giex provat sodisfacentment li hi ma kinitx tithallas tax-xoghol li kienet taghmel;
[9] tichad id-disa' talba, in vista ta' dak stabblit fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti'.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati bejn il-partijiet, in kwantu ghal tlieta minn erba' [3/4] mill-konvenut, u r-rimanenti kwart [1/4] ghandu jibqa' a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------